**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Marthese Micallef)**

**(Spettur Roderick Spiteri)**

**vs**

**Alessia - Jane Sant**

Illum 3 ta' April 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Alessia-Jane Sant**, detentrici tal-karta tal-identita' numru 189383 (M).

Akkuzata talli nhar id- 19 ta' Settembru 2014, ghal habta ta' 10:00 ta' fil-ghodu, gewwa Triq San Gorg, Naxxar:

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghek, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti waqt li kont qed issuq vettura tal-ghamla Toyota Yaris bin-numru LCS 059, ivolontarjament ikkagunajt feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jonathan Saliba liema griehi jistghu jgibu debbulizza fis-sahha jew fil-funzjoni ta' part ital-gisem, marda tal-mohh, sfregju gravi jew difetti ohra ( Sec 226(a) Chp 9);

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, involontarjament hassart jew ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg ta' haddiehor, mobbli jew immobli liema hsara tammonta ghal aktar minn mitejn u tletin ewro u disghin centezmu (€232.94), ghad-detriment ta' Jonathan Saliba;

3. Ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, soqt vettura bin-numru tar-registrazzjoni LCS 059 b'manjiera traskurata u perikoluza

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Dawn il-proceduri jirrigwardaw incident stradali li sehh fid-19 ta' Settembru 2014 ghall-habta tal-10.00am bejn zewg vetturi fin-Naxxar bejn vettura tal-marka Toyota registrazzjoni numru LCS 059 misjuqa mill-imputata u l-mutur tal-marka Yamaha registrazzjoni numru FAI 696 misjuq minn Jonathan Saliba.

L-imputata qeghda tigi addebitata bir-reati li involontarjament ikkagunat feriti ta' natura gravi fuq Jonathan Saliba; bi hsara involontarja ghad-dannu ta' Jonathan Saliba; kif ukoll, li saqet b'manjiera traskurata u b'mod perikoluz.

Illi inkwantu ghall-imputazzjonijiet migjuba din il-Qorti se tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ludwig Micallef**[1]**:**

---

[1] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Awwissu 2010

*"Jispetta ghalhekk lill-Prosekuzzjoni tipprova b'mod konklussiv illi l-incident li fih miet Clifford Micallef sehh unikament jew almenu in parti, tort ta' negligenza, traskuragni w nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat li tajjarha.*

*Sabiex tipprova dan il-Prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq dak li l-Qorti tista' tahseb li gara, ghaliex il-gudikant irid necessarjament jiddeciedi iuxta allegata et probate. Id-dover tal-Prosekuzzjoni hu allura li jipprezenta quddiem il-Qorti, kaz konvincenti u pprovat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb 'imprudenza', 'negligenza' jew 'traskuragni' jew ta' hila, ta' 'imperizja' fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz u involontarju.*

*Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi. Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta' tal-event dannuz, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha 'colpa incosciente' a differenza minn dik imsejha 'colpa cosciente', li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut.*

*Hemm diversi forom ta' kodotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.*

*L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli.*

*In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu.*

*L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe' kif jghid* ***Manzini****:- "L-inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all' agente di cui egli vuole non tener conto".*

*Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, odnijiet u simili bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku –Kap 65, il-High Way Code – Motor Vegicle Regulations – bl-iskop li jigu evitati l-possibiltajiet ta' hsara u dannu lil terzi.*

*Il-Qorti hi ghalhekk sejra tezamina bir-reqqa x'inhuma l-ingredjenti tar-reat principali in ezami, u cioe' ta' dak kontemplat fl-**Artikolu 225 tal-Kap. 9,** u cioe' tar-reat li bih gie akkuzat l-imputat, u cioe' omicidju involontarju. L-**artikolu 225 tal-Kap 9** jiddisponi s-segwenti:*

*"Kull minn b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd …"*

*Issa ghalhekk, wiehed irid jifli l-elementi li jikkostitwixxu dan r-reat, li huma bazikament tlieta u cioe:-*

*1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ;*

*2. kkaguna l-mewt ;*

*3. fuq persuna.*

*Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Richard Grech** dik il-Qorti sostniet is-segwenti:-*

*"Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew*

*konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal- bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret."*

*L-awtur Taljan **Giorgi** fil-ktieb tieghu **Teoria delle Obbligazione** – 1127 pagna 46 ighid:-*

*"La diligenza del buon padre di famiglia costituisce in criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice Liberta' di valutazione".*

*Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Leonard Grech deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990**, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:*

*1. la volontarieta dell'atto;*

*2 la mancata previsione dell'effetto nocivo;*

*u*

*3 la possibilita di prevedere.*

*Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija (vide **Il-Pulizija vs John Vella** deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali).*

*X'inhu l-obbligu tas-sewwieq fil-posizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mil-Ligi u senjatament mill-Artikoli 225 u 226. Dan jimporta li l-prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, r-regolamenti tat-traffiku. Il-prosekuzzjoni trid tipprova in-nexus bejn il-mewt tal-vittma u t-traskuragni tal-imputat, liema nexus irid irendi t-traskuragni l-kawza immedjata u prossima tal-effett, wara*

*trid ukoll tipprova li t-traskuragni kienet culpable negligence u cioe' li tammonta ghal criminal misconduct. (vide **Il-Pulizija vs Manuel Schembri** deciza nhar it-28 ta' Novembru 1949 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali.)*

*Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew ta' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.*

*Kif tajjeb osservat il-prosekuzzjoni fin-nota taghha fis-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta ta' Mejju, 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Alfred Mifsud,** il-Qorti sejra taghmel referenza ghal dak li gie enuncjat u t-tifsiriet li ghandhom jinghataw lil kull tip ta' sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:*

*"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*

***Sewqan bla kont** (reckless driving) hu deskritt fis- Subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din t-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu, minhabba l-probabilita ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif wkoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.*

***Sewqan perikoluz** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari, s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghal proprjeta taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn t-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi w id-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, l-legislatur pogga s-sewqan bla kont w is-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz w involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz."*

*(**vide Il-Pulizija v Charlotte Chamberlain, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Mejju, 1950**). "*

*Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'materja ta' incidenti stradali il-provi indizzjarji, hafna drabi jista' jkunu siewja ferm, u xi drabi jistghu anki jkunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu ikunu biss soggettivi u kultant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b'dak li jissejjah "esprit de voiture". U mbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizzjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, jridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha l-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat.*

Dawn l-insenjamenti huma applikabbli ghall-artikolu 226 tal-Kodici Kriminali s'intendi meta l-persuna tkun sofriet xi tip ta' ferita u ma tkunx tilfet hajjitha.

Riferuti dawn l-insenjamenti, jehtieg issa jigi stabilit x'kienet id-dinamika tal-incident mertu tal-proceduri odjerni. Xhieda okulari ma kienx hemm jew altrimenti ma tressqux bhala xhieda.

Il-parte civile, Jonathan Saliba xehed[2] li dakinhar tal-incident huwa kien qieghed isuq il-mutur tieghu Yamaha 80, numru tar-registrazzjoni FAI 696. Huwa kien iqeghed isuq minn San Gwann direzzjoni lejn Triq il-Parrocca, Naxxar. Ried jidhol fi Triq San Gorg. Dakinhar fi Triq il-Parrocca kien hemm kongestjoni tat-traffiku. Billi huwa ried imur fi Triq San Gorg, xeghel l-*indicator* tax-xellug, hares fuq in-naha tax-xellug u kif ra li ma kienux gejjin karozzi qasam u baqa' diehel go Triq San Gorg. Kif dahal tul ta' karozza/ karozza u nofs fit-triq qala' daqqa fuq wara u spicca mal-art hdejn ic-central strip bil-mutur b'kollox. Id-daqqa tajritu madwar tlett metri 'l quddiem. Huwa spicca mal-art u kien hemm xi persuni li ghenuh u cemplu lill-ambulanza. Kif wasal is-Surgent tellghu minn mal-art u x'hin kienet gejja l-ambulanza, l-imputata skuzat ruhha, qaltlu li ma kinitx ratu u li lilha darba kienu tajruha. Inkwantu ghall-hsara fil-mutur din kienet fiz-zewg fanali ta' wara, in-number plate ta' wara, l-pedala tal-brejk x'hin waqa' l-mutur mal-art, mera, handlebar tax-xellug u l-footrest. In kontro-ezami, il-parte civile jichad li ien gej minn wara l-karozza tal-imputata u li kien huwa li habat maghha. Huwa jeskludi[3] li kien hemm karozza fuq il-lemin tieghu. Din triq li minnha tista' tghaddi karozza wahda. Huwa jichad li l-mutur mad-daqqa qabez il-bonnet u dan billi huwa xehed li meta qala' d-daqqa huwa baqa' fuq il-mutur u mexa madwar seba' piedi. Bl-impatt spicca hdejn ic-central strip.

Min-naha l-ohra l-imputata xehdet[4] li hija kienet qeghda ssuq mit-triq ta' San Gwann ghat-Triq il-Parocca, Naxxar. F'dak l-akkwati hemm roundabout u central strip mal-art, liema central strip tkompli fi Triq il-Parocca u Triq San Gorg. Fit-triq il-Parrocca kien hemm it-traffiku, hija ghalhekk harset mill-mera tan-nofs u mill-mera tax-xellug, xeghlet l-indicator, regghet harset fil-mera tax-xellug, dawret ftit rasha biex ticcekja li fil-blind spot ma kien gej hadd u dahlet fit-triq. Tghid li kif dahlet fit-triq, gie mutur minn warajha minn gewwa, min-naha tax-xellug u baqa' diehel go fiha. Hija xehdet li l-parte civile laqghet il-parti ta' quddiem tax-xellug tal-karozza, it-tyre tax-xellug, il-mudguard, kellha wkoll il-fanal tax-xellug u l-parti tal-bonnett tan-naha tax-xellug. Minn hemm il-parte civile qabez il-karozza, ghola minn fuq il-karozza u waqa' mal-art. Bid-daqqa faqghalha r-rota tan-naha tax-xellug u r-rim. Hija nizlet. Kif waslu l-pulizija tad-distrett, il-parte civile qalilhom biex icemplu lill-maggur ghaliex kien xoghol u b'hekk sraet taf li l-parte civile huwa pulizija. Il-Pulizija qajmuh minn mal-art u poggewh fuq siggu u l-pulizija tal-ghassa hadu l-istatement ta' kull wiehed.

Hija sostniet li fid-dikjarazzjoni taghha qalet li kellha l-indicator mixghul, li kienet diehla minn Triq il-Parrocca ghal Triq San Gorg u li l-mutur gie minn warajha min-naha ta' gewwa. Kif marret tigbor l-istatement indunat li dan kollu ma kienx tnizzel u meta talbet biex ikun hemm update, anke inkwantu ghall-hsarat, is-surgent Crisp qalilha li ma kien se jsir ebda *update* u ddirigieha biex tkellem avukat. Ghalhekk

[2] Seduta tal-10 ta' Dicembru 2014
[3] Seduta tat-12 ta' Jannar 2015
[4] Seduta tat-30 ta' Settembru 2015

intbaghtet ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija. Anki mal-isketch ma qablitx billi l-karozza taghha kienet fi Triq San Gorg.

In kontro-ezami, l-imputat qalet li r-roundabout kienet libera mit-traffiku. Hija xeghlet l-indicator meta bdiet Triq il-Parrocca qabel tidhol ghas-central strip ha taqbad Triq San Gorg. Ir-roundabout telqitha u qabdet Triq il-Parrocca. Hija ma setghetx taqbad Triq San Gorg ghaliex kien hemm it-traffiku. Hija kienet bdiet Triq il-Parrocca, rat it-traffiku u ghamlet il-manuvra. Dak il-hin kien hemm karozzi kemm quddiemha kif ukoll warajha u anke r-roundabout ma baqghetx libera. Il-mutur ma ratu mkien. Mistoqsija kemm kien hemm spazju bejn il-genb tal-karozza tan-naha tax-xellug u l-hajt tan-naha tax-xellug tghid li ma kienx hemm hafna distanza billi kien hemm vannijiet kbar bil-kaxxa fuq wara ipparkjati. Mistoqsija d-distanza bejn il-karozza taghha u l-vannijiet ipparkjati tghid li l-ispazju kien minimu cioe' anqas minn wesgha ta' karozza. Hija ma rrimarkatx li fil-hin tal-incident kien hemm il-vannijiet fil-hin tal-incident billi meta l-pulizija waslu fuq il-post il-vannijiet kienu telqu.

Tixhed li fil-hin tal-impatt hija kienet qeghda bl-isteering miksur lejn ix-xellug u kienet qeghda diehla fi Triq San Gorg. Rat il-mutur meta impatta maghha izda tghid li gie minn warajha ghalkemm ma ratux gej.

L-imputata ikkonfermat li mad-daqqa l-mutur u x-xufier spiccaw 'il quddiem minnha. Il-mutur spicca fejn ic-central strip u x-xufier kien mal-art vicin il-mutur.

Ikkunsidrat:

Illi mis-suespost jirrizulta li hemm divergenza bejn il-versjoni moghtija mill-partijiet.

Mill-provi jirrizulta li kemm l-imputata kif ukoll il-parte civile kienu qeghdin isuqu fl-istess direzzjoni ossija lejn in-Naxxar. It-triq ikwistjoni hija speci ta' Y-Junction. Huwa evidenti li l-imputata kienet qeghda ssuq fi Triq il-Parrocca u billi kien hemm hafna traffiku quddiemha iddecidiet li tikser lejn ix-xellug fi Triq San Gorg. Il-parte civile iddikjara li triqtu hija proprju Triq San Gorg.

Mir-rizultanzi huwa evidenti li l-versjoni moghtija mill-parte civile hija dik veritiera u li d-dinamika tal-incident sehhet proprju kif qal huwa. L-imputata innifsha tixhed li hija qatt ma rat il-mutur gej minn warajha izda effettivament jidher li hija hekk assumiet abbazi tal-hsarat fil-karozza taghha. In effetti n-natura tal-hsarat fil-karozza fuq iz-zewg vetturi tikkorobora l-versjoni tal-parte civile. Il-mutur sofra hsarat konsiderevoli fuq in-naha ta' wara. Il-hsarat l-ohra huma konsegwenza ta' meta l-mutur spicca mal-art. Ir-ritratti u s-survey report[5] jevidenzjaw il-hsarat imsemmija mill-parte civile fix-xhieda tieghu. Bhala stat ta' fatt kieku kien il-parte civile li baqa' diehel fil-karozza tal-imputata, il-hsarat fuq in-naha ta' wara tal-mutur ma kienu jirrizultaw qatt.

[5] Dok DM 4

Inoltre' il-hsarat riportati fuq quddiem man-naha tax-xellug tal-vettura tal-imputata jindikaw illi hija kienet qeghda tikser ghal fuq l-istess mutur. Infatti l-imputata nnifisha ammettiet li hija kienet ghadha qed tikser fi Triq San Gorg u l-isteering wheel tagha kien imdawwar fil-hin tal-impatt.

Il-kawza prossima tal-incident kienet il-manuvra li wettqet l-imputata.Kif gie rilevat l-imputata ddecidiet li tidhol fi Triq San Gorg wara li rat fi Triq il-Parocca t-traffiku kien iggamjat. Billi hija ma haditx mill-ewwel it-triq ghat-Triq San Gorg kien jehtiegilha taghmel manuvra fejn tikser lejn ix-xellug. Hija spjegat fix-xhieda taghha kif wettqet il-manuvra. Huwa evidenti li l-imputata kienet aktar hsibha li ma tolqotx il-vettura ta' quddiemha billi kellha tikkwartja lejn ix-xellug. Dan kollu irrispettivament mill-fatt jekk kellhiex indicator mixghul jew le (dan qieghed jinghad billi allegatament ghalkemm hija semmiet dan il-fatt lill-pulizija a tempo vergine ma tnizzilx fir-rapport). D'altronde' l-fatt li jinxteghel l-indictaor ma jfissirx li wiehed jista' jaqbad u jikser kif irid. Billi l-imputata kienet qeghda twettaq manuvra bhal din, kien jinkombi fuq l-imputata li zzomm *proper lookout* u huwa ovvju li l-imputata m'osservatx tali massima ghaliex il-mutur ma ratu fl-ebda hin qabel sehh l-impatt. Certament li l-argument tal-imputata li ladarba l-impatt fuq il-vettura taghha kien fuq il-mudguard ta' quddiem tan-naha tax-xellug, kwindi quddiem il-mera ma setghetx tara l-mutur ma jregix. L-obbligu tal-*proper lookout* jitlob li dak li qieghed quddiem u madwar ix-xufier jarah mhux biss mill-mirja izda wkoll permezz tal-ghajnejn.

Infatti gie ritenut mill-Qrati Taghna li "*Hu dover ta' "driver to see what is in plain view".* (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Vella"** - [10.8.1963]) u li "*min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout"* (Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. J.M. Laferla"** [17.6.1961] ). "*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."* ("**Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd."** [1968].

L-imputata invadiet il-karreggjata tal-parte civile u zgur li mhux il-kaz ta' sorpass mix-xellug min-naha tal-parte civile, anke ghaliex l-imputata nnifisha xehdet li fit-triq kien hemm vannijiet ipparkjati u d-distanza bejn il-karozza u l-vannijiet kienet minima.

Stabilit li l-imputata kienet tahti ghall-incident jehtieg li jigi determinat n-natura tal-griehi mgarrba mill-parte civile. Mid-dokumenti prezentati, certifikat u mir-rapport tal-espert mediku Mr Carmel Sciberras[6] jirrizulta li l-griehi sofferi mill-parte civile huma

[6] Dok CS

gravi *per durata*. Infatti huwa garrab ftit hsara fil-polz xellugi u ksur tal-ghaksa/ talus. Kwindi l-griehi sofferti huma fit-termini tal-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali.

L-imputata ilmentat dwar il-mod kif gie redatt ir-rapport ghar-ragunijiet minnha indikata filwaqt li s-surgent cahad l-allegazzjonijiet, din il-Qorti mhiex se tidhol f'din il-kwistjoni izda qeghda taghmilha cara li d-dikjarazzjoni li tat l-imputata *a tempo vergine* giet skartata in vista li inghatat minghajr ebda twissija u minghajr ma nghatat id-dritt tal-avukat.

Ghalhekk l-ewwel imputazzjoni giet ippruvata sal-grad rikjest mil-ligi.

Inkwantu ghat-tieni imputazzjoni, din tinsab ukoll ippruvata billi l-mutur misjuq mill-parte civile garrab hsarat f'ammont aktar minn €232.94 hekk kif ikkonfermat mis-*survey report*[7].

Inkwantu ghat-tielet imputazzjoni il-Qorti, abbazi tal-gurisprudenza surriferita, hija tal-fehma illi ghalkemm is-sewqan tal-imputata certament ma jistax jitqies bhala xi sewqan perikoluz kif gie akkuzat, madanakollu tqies illi l-imputata kienet negligenti fis-sewqan taghha u meta ma zammitx dik il-*proper lookout* rikjesta mil-ligi.

Inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qeghda tinstab hatja l-imputata, il-fedina penali li hija wahda netta u c-cirkostanzi tal-kaz. Din il-Qorti tqis li ghandha timponi multa.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 218, 226(1)(a) u 328(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha b'dan illi inkwantu ghat-tielet imputazzjoni qeghda ssib lill-imputata hatja ta' sewqan traskurat izda mhux ta' sewqan perikoluz u tikkundannaha ghal hlas ta' multa ta' elf u hames mitt euro (€1,500).

Inoltre' tordna lill-hatja thallas l-ammont ta' tlett mitt euro (€300) rapprezentanti hlas ta' espert nominat mill-Qorti.

[7] Xhieda ta' David Mifsud fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2014

Inoltre tordna l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan ta' l-imputata ghal tmint ijiem. Is-sospensjoni mis-sewqan tibda ghaddejja minn nofs il-lejl u minuta ta' llum.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**